# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Novembru, 2019.**

**Numru 1**

**Rikors Numru 489/13MCH**

**Lawrence Grech, Joseph Magro, Leonard Camilleri, David Cassar, Noel Dimech, Angelo Spiteri, Raymond Azzopardi, Charles Falzon, Philip Cauchi u Joseph Mangion**

**v.**

**Carmelo Pulis, Francesco sive Godwin Scerri, u b'digriet tat-8 ta' Mejju 2019 l-avukat Dr Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud ġew maħtura kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw l-eredi preżunt tad-defunt Francesco sive Godwin Scerri, Soċjeta` Missjunarja ta' San Pawl, Arċidjoċesi ta' Malta, Direttur Ġenerali fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Direttur Ġenerali fl-Uffiċċju tal-Ministru tal-Edukazzjoni tax-Xogħol, Direttur Ġenerali fl-Uffiċċju tal-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta Soċjali**

1. Dan il-provvediment jindirizza t-talba tal-appellanti għar-rikuża tal-Imħallef Anthony Ellul peress li fil-passat kien konsulent legali tal-Kurja tal-Arċisqof (ara verbal tas-seduta tal-15 ta' Ottubru, 2019).

2. Hu fatt li għal numru ta' snin l-Imħallef Anthony Ellul kien konsulent legali tal-Kurja tal-Arċisqof, liema relazzjoni ntemmet għal kollox fil-bidu tas-sena 2007 meta nħatar Maġistrat.

3. Fis-sentenza **Lawrence Grech et vs L-Avukat Ġenerali et** tas-7 ta' Marzu, 2017, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:

> *"12. ........ Il-kwistjoni hi jekk hemmx raġunijiet li oġġettivament jiġġustifikaw il-biża' ta' parżjalita. Għalkemm dak li tħoss jew taħseb jew tibża parti f'kawża dwar il-parzjalita jew imparzjalita tal-ġudikant huwa wkoll rilevanti għall-għanijiet tal-imparzjalita', ma huwiex kriterju determinanti: li hu determinanti hu* ***jekk dak il-biża' jew dik il-perċezzjoni huwiex imsejjes fuq konsiderazzjonijiet oġġettivi hekk li persuna raġonevoli u mingħajr preġudizzji tagħha tasal biex hi wkoll ikollha dubji dwar l-imparzjalita tal-ġudikant****".*[1]

4. Fil-fehma tal-Qorti il-fatt biss li maġistrat jew imħallef kien jagħti servizz legali lill-klijent b'mod regolari meta kien għadu jipprattika l-professjoni ta' avukat qabel inħatar ġudikant, m'għandhiex waħedha twassal għall-astensjoni jew rikuża tiegħu sakemm m'hemmx ċirkostanzi oħra li jiġġustifikawha. Fil-każ tal-Imħallef Ellul issa ilu iktar minn tnax-il sena li qata' kull kuntatt mal-Kurja tal-Arċisqof. Dan apparti li n-nies li

[1] Enfażi ta' din il-Qorti.

qegħdin illum imexxu huma kollha differenti minn dawk li kien in kuntatt magħhom matul iż-żmien li kien il-konsulent legali tal-Kurja.

5. Madankollu mill-aħħar differiment l-Imħallef Ellul ftakar li fil-kawża kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Carmel Pulis et,** kawża konnessa ma' dik preżenti, f'Awissu 2004 kien ippreżenta rikors għan-nom tal-Arċisqof ta' dak iż-żmien sabiex il-Qorti tawtorizzah ikollu aċċess għall-atti ta' dik il-kawża peress li l-imputati kienu membri tal-kleru soġġetti għal-liġi kanonika. Kawża li fiha l-akkużati kienu Carmelo Pulis u Godwin Scerri li huma konvenuti f'din il-kawża. Minkejja li l-qorti kienet caħdet it-talba, jibqa' l-fatt li r-rikors kien sar.

6. Bażat fuq dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fuq imsemmija, il-Qorti hi tal-fehma li t-talba għar-rikuża hi ġustifikata. Il-fatt li sar dak ir-rikors fil-kawża kriminali li bħall-kawża ċivili tal-lum kienet ukoll titratta l-abbuż sesswali fuq l-atturi, hi raġuni li *"oġġettivament jiġġustifikaw il-biża tal-parzjalita"*. Oġġettivament dak ir-rikors faċilment iqajjem f'persuna raġonevoli id-dubju dwar jekk l-Imħallef Ellul qattx ta parir lill-Kurja dwar il-materja. Hu minnu li ċivilment jidher li kien biss snin wara r-rikors ta' Awissu 2004 li l-atturi ressqu l-pretensjoni tagħhom kontra l-Kurja f'kawża ċivili. Madankollu jibqa' l-fatt li r-rikors sar fil-kawża kriminali fejn membri tal-kleru kienu akkużati b'abbuż sesswali fil-konfront tal-atturi. Membri tal-kleru li s-superjur tagħhom hu l-Arċisqof ta' Malta.

**Għaldaqstant, tilqa' t-talba tal-appellati għar-rikuża tal-Imħallef Anthony Ellul.**

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr